# Infakkru lill-Maġġur Anthony Aquilina, Surmast tal-marċi

(Meħuda minn riċerki) Kitba ta' Marlene Mangion

Surmast tal-Banda li bla dubju ta' xejn għamel unur lil raħal twelidu kif ukoll lil Malta huwa l-Maġġur Anthony Aquilina. Din is-sena jaħbat il-25 anniversarju mill-mewt tiegħu.

Dan is-Surmast twieled f'Ħaż-Żebbuġ, Malta, fil-25 ta' Lulju, 1906. L-ismijiet tiegħu proprja kienu Paul, Philip u Joseph iżda kulħadd kien jafu b'Ninu jew Anthony. Missieru Indri' kellu karettun u kien iġorr il-qlugħ tad-dgħajjes minn Ħaż-Żebbuġ sal-Marsa. Ommu kienet mara tad-dar. Kellu żewġ ħutu oħra bniet, Filippa u Marija. Dawn it-tnejn, meta kibru, emigraw lejn l-Awstralja.

Meta Anthony beda jitfarfar xtaq li jidħol fil-Militar, kif ukoll li jibda jdoqq xi strument tal-banda. Din l-aħħar xewqa qatagħha meta kellu xi 8 snin għax beda jitħarreġ taħt l-assistant surmast Wiġi Said li kien idoqq il-klarinett prim mal-Banda ta' San Filep. Wiġi Said mill-ewwel induna li dan it-tfajjal mhux biss kellu moħħu tajjeb imma li kellu talent mużikali naturali fih. Wiġi kien jgħallem liċ-ċkejken Anthony b'għożża kbira u bil-paċenzja kollha. Anthony għamel progress kbir fit-tagħlim tiegħu, u ta' għaxar snin ħareġ idoqq bil-klarinett mal-Banda San Filep taħt id-direzzjoni tas-Surmast Alfred P. Hare. Fost l-istrumenti antiki li jinsabu fil-Każin tal-Banda San Filep għad hemm il-klarinett li kien tħarreġ fuqu iċ-ċkejken Anthony fl-1915.

Ftit żmien wara Wiġi offra lil



Anthony biex idoqq bħala solista t-terzett mill-opra *I Lombardi* ta' Giuseppe Verdi, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Orlando Crescimanno. Anthony daħal għal din il-biċċa xogħol b'qalbu kollha, u tant mar tajjeb li ġie mħajjar jattendi kunċert mal-Banda King's Own tal-Belt. Hawn wera l-kapaċità kbira tiegħu, tant li s-Surmast Aurelio Doncich, li dderieġa l-Banda King's Own mill-1908 sal-1930, ħadu taħt idejh u kienet bis-saħħa tiegħu li ftit wara rrakkommandah mal-Kurunell tal-Armata biex jingħaqad mal-banda tas-servizz. Anthony ħataf din l-okkażjoni bil-ferħ u b'hekk kien qata' x-xewqa l-oħra li kellu. Il-familja tiegħu ħadu tant pjaċir bih u nkoraġġewh kemm setgħu. Daqstant ieħor għamlu sħabu tal-Każin Banda San Filep. Dak iż-żmien kien għad kellu biss 14-il sena. Għalkemm biex jidħol fis-servizz wieħed ried ikollu 16-il sena, madanakollu Anthony rnexxielu jidħol u dan għax l-awtoritajiet militari ndunaw x'talent kellu u xtaquh li jagħmel parti mill-banda tagħhom.

Għad li issa kif ngħidu aħna l-Maltin, kellu ħobżu maħbuż, it-tfajjel baqa' sejjer bl-istudju tal-klarinett mas-Surmast Aurelio Doncich. Però Anthony baqa' ukoll imur jieħu lezzjonijiet mingħand l-assistant surmast Wigi Said. Dan tal-aħħar feraħ ħafna għax kien ħaseb li t-tfajjel kien se jabbandunah issa li kien qed idoqq u jistudja mas-Surmast Doncich.

Meta Anthony kellu 20 sena intbagħat jagħmel kors ta' 3 snin biex jispeċjalizza fuq il-klarinett. Minn fost madwar 300 student irnexxielu jirbaħ borża ta' studju fir-Royal Military School of Music f'Surrey, l-Ingilterra. Hemmhekk tħarreg fuq l-istrumenti kollha, fuq id-direzzjoni, fuq il-kompożizzjoni, kif ukoll fuq l-arranġament tal-mużika għall-orkestra u għall-banda. Fl-Ingilterra rebaħ 3 midalji, waħda għad-daqq tal-klarinett, waħda għad-Direzzjoni, u l-oħra għall-arranġamenti mużikali għall-orkestra u għall-banda.

Mal-wasla tiegħu lura Malta, Anthony, issa Warrant Officer I, inħatar Surmast Direttur tal-banda tar-Royal Malta Artillery, kariga li żamm għal seba' snin. Wara nħatar President Onorarju. Dan kien fi żmien il-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija. Hu nħatar *Commissioned Officer*, fizzjal b'żewġ stilel. Baqa' javanza fl-Armata sakemm irtira ta' 57 sena bħala Maġġur.

Fiż-żmien meta kien l-Ingilterra, Anthony ltaqa' mas-sinjorina Catherine Ross, Kanadiża, li kienet sentejn iżgħar minnu. Iltaqgħu waqt kunċert li kellu s-Surmast Anthony Aquilina. Mill-ewwel inġibdu lejn xulxin u Catherine niżlet Malta għalkemm qatt qabel ma kienet semgħet biha. Komplew bil-ħbiberija tagħhom sakemm fit-2 ta' April, 1932, iżżewġu fil-Knisja tal-Vitorja fil-Belt Valletta. Minn dan iż-żwieġ kellhom tifel wieħed li semmewh Geoffrey. Il-Maġġur Anthony Aquilina miet fil-21 ta' Settembru, 1985, fl-età ta' 79 sena. Il-mara tiegħu Catherine mietet 13-il sena warajh fl-għomor ta' 90 sena.



*Ritratt uniku tal-Maġġur Aquilina li kien ħabib kbir tal-familja Mary u Lawrence Xuereb, mill-Gudja tant li kien parrinu fil-Griżma tat-tifel tagħhom Omar Xuereb li llum insibuh attiv ħafna fl-Għaqda Mużikali Marija Assunta, jifforma parti mill-banda tagħna bil-kurunetta, minbarra li jieħu ħsieb jaġġorna l-website tal-għaqda.*

Il-Maġġur Anthony Aquilina kien bniedem ferrieħi ħafna, pulit, eleganti, nadif tazza, u kien ikun dejjem ma' xi ħbieb tiegħu jixrob u jpejjep. Fost ħafna ħbieb li kellu l-Maġġur Aquilina kellu l-familja Xuereb mill-Gudja. Tant hu hekk li meta Omar, bandist mas-Soċjetà tagħna, għamel il-Griżma tal-Isqof il-Maġġur kien il-parrinu tiegħu. Meta kien ikun jidderieġi l-banda mbagħad, kien jisserja ħafna, u kellu dixxiplina kbira. Ma kienx jaħrablu żball. Miskin hu min kien jirfes xi nota ħażina, għax mat-tieni żball ma kienx jerġa' jiġi mitlub idoqq miegħu. Kellu difett żgħir. Kien jiddejjaq jekk isaqsuh l-età tiegħu. Kien ikun pront idawwar id-diskors. Anqas l-iktar ħbieb tiegħu ma kienu jafu kemm għandu żmien. Saru jafu biss meta miet.

Il-Maġġur kien iħobb ħafna lil Għajnsielem, Għawdex. Tant hu hekk li kiteb żewġ marċi b'rabta ma' dan ir-raħal. Wieħed minnhom jismu "Viva x-Xemx" jew "Il-Madonna ta' Loreto", imsemmi appuntu għall-Madonna ta' Loreto ta' Għajnsielem.

Il-Maġġur Aquilina kien iħobb ħafna l-marċi brijużi, u kien l-iktar influwenzat minn mużika spanjola u naplitana. Kien oriġinali ħafna f'li jikteb.

Fost il ħafna marċi li kiteb il-Maġġur Aquilina, u li għadhom jindaqqu sal-lum, insibu dawn:- Los Guitarreros, Lily Whites, Balfrendozan, Lolita, El Picador, Zorro, Ix-Xiħ, La Senora Rita u Aħna tal-Miskina.

Il-Mużika hija kultura...
għal tagħlim tal-Mużika b'xejn,
mal-Banda Marija Assunta
ikkuntattjaw lil xi membru tal-Kumitat